Kulħadd sema bil-"Father Christmas"! Raġel daqsxejn anzjan, bid-daqna bajda, liebes libsa ħamra bl-abjad. Imma aktar ma jgħaddi ż-żmien,inqas qed niftakru fil-"Father Christmas" oriġinali, mhux dak li jqassam ir-rigali, imma r-raġel veru wara dawn il-leġġendi—San Nikola ta' Bari, jew aħjar, San Niklaw!

Nikola twieled fit-tielet seklu min familja sinjura ġewwa t-Turkija. Il-ġenituri tiegħu kienu nsara u għallmuh il-valuri tal-evanġelju. Ta` eta zgħira faqqgħet pandemija li ħallietu bla ġenituri. Nikola uża l-wirt kollu tiegħu biex jgħin lil dawk fil-bżonn, lill-morda u dawk li kienu qed ibatu. Jeżistu ħafna rakkonti fuq il-qalb kbira ta` dan il-bniedem.

Waħda minn dawn l-istejjer tgħid li kien hemm raġel fqir li kellu tlett ibniet li kienu waslu għaż-żwieġ. Ma kellux dota x`jgħatihom. Dak iż-żmien, tfajliet bla dota kienu jispiċċaw ilsiera. Matul il-lejl, Nikola, li kien sema` bl-inkwiet ta` dan ir-raġel, mar u minn tieqa li sab miftuħa, tefa`tliet biċċiet tad-deheb. L-għada filgħodu, il-missier sab il-biċċiet tad-deheb fiż-żarbun li kien ħalla ħdejn it-tieqa! Minn hawn ġejja t-tradizzjoni ta` xi wħud li jħallu l-kalzetti mdendlin fil-Milied!

Darb`oħra kien hemm tliet studenti li kienu qed jivvjaġġaw. Matul il-vjaġġ tagħhom, waqfu f`lukanda għal-lejl. Matul il-lejl, sid il-lukanda daħal biex jisraqhom, qatilhom u tefagħhom ġo tank tal-fermentazzjoni. Providenzjalment, Nikola kien għaddej minn hemm u malli nduna b`dak li kien sar, talab, u t-tliet studenti reġgħu ħadu l-ħajja.

Storja oħra li ġrat ħafna snin war l-mewt ta`Nikola, tgħid li lejliet il-festa ta` Nikola, grupp ta` pirati Għarab, wara li serqu kemm felħu dehebijiet u affarijiet prezzjużi, serqu tifel ta`familja nisranija, Basilios, biex jagħmluh skjav. L-Emir, is-sultan Għarbi, xtrah u għamlu l-iskjav personali tiegħu. Għaddiet sena, sakemm lejliet il-festa ta` San Nikola, ommu kienet qed titlob għalih. Dak il-ħin, Nikola deher lil Basilios,bierku u f`salt wieħed Basilios sab ruħu lura d-dar quddiem ommu li kienet għadha lanqas spiċċat it-talba tagħha.



Hemm ħafna aktar stejjer dwar dan il-qaddis, li juruna kemm dan il-qaddis dejjem fittex li jgħin lil ta` madwaru. Fuq kollox Nikola jgħallimna x`jagħmel lin-nisrani speċjali—qalb kbira li lesta tgħin lil kull min hu fil-bżonn, kemm fil-ħtiġijiet materjali, kif ukoll bit-talb.

Jalla dan il-Milied niskopru
l-Ispirtu veru tiegħu,
bħalma għamel San Niklaw.